

Brussell, 7 ta' Mejju 2025
(OR. en)

6509/25
ADD 2

EDUC 41
JEUN 24
SOC 95
DIGIT 31

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni skolastika - <i>Approvazzjoni</i> - <i>Dikjarazzjoni mill-Iżvezja</i>

Id-delegazzjonijiet isibu dikjarazzjoni mill-Iżvezja b'rabta mas-suġġett imsemmi hawn fuq.

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni skolastika

L-Iżvezja tixtieq tispjega għaliex ma taqbilx għalkollox mal-kontenut tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni skolastika. Madankollu, l-Iżvezja ma topponix l-approvazzjoni tal-konklużjonijiet.

L-Att Żvediż dwar l-Edukazzjoni jistqarr b'mod ċar li t-tfal u l-istudenti kollha f'kull tip ta' skola u kull tip ta' kura wara l-iskola jridu jingħataw il-gwida u l-istimulazzjoni li jeħtieġu fit-tagħlim u fl-iżvilupp personali tagħhom. L-istudenti li, minħabba diżabilità, ikollhom diffikultajiet biex jissodisfaw id-diversi kriterji ta' klassifikazzjoni jew il-kriterji rilevanti għall-valutazzjoni tal-għarfien, għandhom jingħataw appoġġ immirat li jikkontrobatti kemm jista' jkun il-konsegwenzi tad-diżabilità. Barra minn hekk, l-Iżvezja hija wieħed mill-pajjiżi li ilhom żmien twil jimplimentaw aġenda inklużiva b'saħħitha fl-edukazzjoni, u l-politiki inklużivi ilhom parti integrali kemm mit-teorija kif ukoll mill-prattika fl-Iżvezja. L-esperjenza tal-Iżvezja turi li filwaqt li l-edukazzjoni inklużiva għandha l-ħin u l-post tagħha, tista' tkun ukoll kontroproduktiva. Meta għalliem ikun mistenni jipprova miżuri ta' appoġġ differenti lil diversi studenti fl-istess klassi, hemm riskju li l-inklużjoni, mil-lat tat-tagħlim tal-istudenti kollha flimkien, fil-fatt issir esklużjoni, bħala riżultat tal-fatt li fil-prattika l-istudenti ma jingħatawx l-appoġġ individwalizzat li jeħtieġu.

Il-Gvern Żvediż għalhekk jixtieq jenfasizza li mhuwiex fatt li l-istudenti kollha li jeħtieġu miżuri ta' appoġġ jirċevuhom bl-aħjar mod possibbli fil-kuntest ta' taġlim regolari jew fi klassijiet regolari. F'xi każijiet, huma meħtieġa miżuri ta' appoġġ barra mit-taġlim regolari. Dawn jistgħu jinkludu miżuri biex jittejbu l-ħiliet bażiċi fil-qari u l-kitba, iżda wkoll appoġġ minn għalliema tal-
edukazzjoni speċjali, aċċess għal gruppi iżgħar ta' taġlim u aċċess għal servizzi tas-saħħa tal-istudenti ta' kwalità għolja.

Għal din ir-raġuni, l-Iżvezja tixtieq tirrimarka li l-konklużjonijiet tal-Kunsill issuġġeriti ma jirriflettux b'mod adegwat il-kumplessità u l-isfumaturi li huma parti mill-prattika skolastika ta' kuljum.
